MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 46/2006

John u Mary Assunta konjugi Gatt rispettivament f'isimhom proprio u kif ukoll kif surrogati fid-drittijiet ta' Dolores Borg u Mary sive Maria Carmela Attard

Vs

Bryen sive Brian Gatt u martu Romina Debrincat Gatt

Il-Qorti,

**Perizja Kalligrafika bhala prova.**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fil-11 ta' Mejju 2006 li permezz tieghu l-attur ppremettew li:

L-atturi huma kredituri tal-konvenuti fis-somma ta' hdax-il elf liri Maltin (Lm 11,000), rapprezentanti s-somma ta' sitt elef Liri Maltin (Lm6,000) mislufa mill-atturi sabiex il-konvenuti setghu jersqu ghall-kuntratt ta' xiri ta' nofs indiviz tal-proprjeta' li ggib l-indirizz mija u tmienja u

hamsin (158) gia numru mija u sittin u ghoxrin ‘B’ (126 B) fi Triq San Pawl, gia High Street, San Pawl il-Bahar (dokument anness JG1), filwaqt li r-rimanenti hamest’elef Liri Maltin (Lm5,000) tirraprezenta dejn dovut mill-konvenuti fuq l-istess xiri tal-proprjeta’ msemmija liema dejn l-atturi hallsu flok il-konvenuti u gew surrogati fid-drittijiet tal-kredituri kontra l-istess konvenuti ai termini ta’ l-artikolu elf mija u sitta u sittin (1166) tal-Kodici Civili, Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta (dokumenti anness JG2);

L-atturi huma wkoll kredituri tal-konvenuti f’dak l-ammont li jirraprezenta l-imghaxijiet legali fuq is-somma ta’ sitt’elef Liri Maltin (Lm6,000) mid-data tal-kuntratt ta’ xiri cioe l-25 ta’ Settembru, 2003 (document JG1) u fuq ir-rimanenti somma ta’ hamest’elef Liri Maltin (Lm5,000) mid-data tas-27 ta’ Lulju, 2004 ai termini ta’ l-istess kuntratt ta’ l-istess kuntratt ta’ xiri;

Ghalkemm il-konvenuti gew interpellati sabiex ihallsu d-debitu taghhom huma baqghu inadempjenti;

L-imsemmi kreditu tal-atturi hu cert, likwidu u ezigibbli u, sa fejn jafu l-istess atturi, l-konvenuti m’ghandhom ebda difiza valida opponibbli f’din il-kawza kontra t-talba taghhom ghall-hlas ta’ din is-somma, kif jidher mill-affidavit ta’ John Gatt;

Ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur ta’ l-Artikoli 167 *et sequitur* tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

GHALDAQSTANT, jghidu l-konvenuti ghaliex ghar-ragunijiet premessi, u prevja kull dikjarazzjoni ohra necesarja;

1. Ma ghandniex dina l-Onorabbli Qorti taghti sentenza u tilqa’ t-talba tal-atturi bla ma tghaddi ghas-smiegh tal-kawza kif provdut fl-Artikoli 167 *et sequitur* tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Proceduri Civili (Kap.12); u

2. Tikkundanna minnufih lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta’ hdax-il elf Liri Maltin (Lm11,000) dovuta kif intqal aktar il-fuq

Rat ir-risposta guramentata prezentata fid-19 ta’ Gunju 2006 minn  Romina Debrincat Gatt (fol. 25):-

1. Illi prelimanarjament in-nullita tal-procedura li biha giet intavolata l-kawza stante illi r-rikors ma humiex guramentat kif titlob il-ligi, u giet mahlufa dikjarazzjoni giet abolita mil-ligi

2. Illi fl-ewwel lok ikun utli illi din l-Onorabbli Qorti trid tinvestiga l-veracita u l-genwinita’ ta’ din il-kawza. Dan peress illi din il-kawza hija wahda simulata u saret bi ftehim bejn l-atturi u bihom l-konvenut Dr. Breyen Gatt, u li jghix fl-istess dar tal-genituri tieghu (Dan minkejja illi fir-rikors jidher b’indirizz iehor), bi skop uniku li tigi defrawdata l-konvenuta Romina Debrincat illi bhal issa ghaddejja minn proceduri ghas-separazzjoni minn ma’ binhom il-konvenut Breyen Gatt.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ma huwiex minnu illi l-atturi qatt silfu xi somma ta’ sitt elef liri maltin (Lm6000) lil xi hadd mill-konvenuti, din hi biss pretensjoni fiergha.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost kemm il-darba huwa minnu illi sar xi self simili lil konvenut l-iehor dan huwa null ghaliex ma huwiex konformi ma’ l-artikolu 1322 tal-Kap 16.

5. Illi dak id-debitu pretiz ma huwiex wiehed li jinkombi fuq il-kommunjoni ta’ l-akkwisti ai termini ta’ l-artikolu 1327 tal-kap 16.

6. Illi fi kwalunkwe kaz, peress illi dak id-debitu sar ad insaputa tal-konvenuta, dak id-debitu jinkombi esklussivament fuq il-parti li ikkontrattatu ai termini ta’ l-aritikolu 1326 tal-Kap 16.

7. Illi d-dejn imsemmi irid jigi mhallas esklussivament mill-konvenut l-iehor Dr. Bryen Gatt.

8. Illi l-hlas li sar minn l-esponenti fuq il-kuntratt ta' xiri citat sar minn flushom u mhux minn xi self illi sar kif allegat.

9. Illi dwar is-somma ta' hamest elef liri Maltin (Lm5,000) illi l-atturi qed jghidu illi hallsu fuq l-att tas-26 ta' Lulju 2004, dawn ma humiex dovuti mill-konvenuta. Dan ghaliex l-atturi kienu debituri in solidum flimkien mal-konvenuti ghal dak il-bilanc ta' prezz, u ghaldaqstant kienu tenuti huma propio illi jhallsu dak id-dejn, u kull att ta' surroga li sar ma ghandux jaffettwa lil esponenti u *huwa res inter alios acta.*

10. Illi fil-fatt jekk l-atturi hargu xi flus aktar minn sehemhom, sakemm id-dejn kien wiehed solidali, id-dritt ta' l-atturi ghal dawk il-flus huwa meta l-proprjeta tigi likwidata.

Rat in-nota prezentata mill-konvenut Dr. Bryen Gatt fit-13 ta' Gunju 2006 (fol. 23) li biha ammetta t-talba.

Semghet ix-xhieda.

Rat ir-rapport tal-espert kalligrafu Joseph Gaffiero (fol. 108-112) li gie mahtur b'digriet moghti fit-13 ta' April 2007 (fol. 65).
Rat in-noti ta' sottomissjonijiet prezentat mill-partijiet.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Marzu 2008 minn fejn jirrizulta li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:-

1. Il-fatti huma s-segwenti:-

(a) L-atturi huma l-genituri tal-konvenut Dr. Bryen sive Brian Gatt. Il-konvenuti huma mizzewgin u ghaddejjin minn separazzjoni.
(b) Permezz ta' kuntratt li sar fil-25 ta' Settembru 2003 u ppubblikat min-nutar Paul George Pisani (fol. 7-9) il-kontendenti xtraw minghand Dolores Borg u Mary sive Maria Carmela Attard l-fond 158, Triq San Pawl, San Pawl

il-Bahar, in kwantu ghal nofs indiviz inxtara mill-attur u n-nofs indiviz l-iehor mill-konvenuti. Il-prezz kien ta ghoxrin elf lira Maltija (Lm20,000) li minnhom thallset is-somma ta' ghaxart elef lira Maltija (Lm10,000). Il-bilanc kellu jithallas sas-27 ta' Lulju 2004 minghajr imghax.

(c) Permezz ta' kuntratt li sar fil-25 ta' Settembru 2003 u ppubblikat min-nutar Paul George Pisani (fol. 73-75) il-kontendenti xtraw (nofs indiviz mill-attur u n-nofs l-iehor mill-konvenuti) l-fond 157, Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar. Fil-kuntratt jinghad li l-prezz hu ta' tmintax-il elf lira Maltija (Lm18,000) u li l-ammont thallas fuq il-kuntratt.

(d) Minn dak li fehemet il-Qorti dan in-negozju kien ta' natura kummercjali.

(e) Permezz ta' kuntratt li sar fis-26 ta' Lulju 2004 u ppubblikat min-nutar Paul George Pisani (fol. 10-11), l-atturi hallsu l-bilanc tal-prezz li kien ghad fadal lill-vendituri. Fil-kuntratt jinghad li Dolores Borg u Mary sive Maria Carmela Attard qeghdin *"….jissurrogaw lill-istess komparenti John u Mary Assunta konjugi Gatt fid-drittijiet kollha taghha kontra l-imsemmija Dottor Bryen sive Brian Gatt u Romina Debrincat Gatt fit-termini ta' l-artikolu elf mija u sitta u sittin (1166) tal-Kodici Civili……"* (fol. 11). Fuq dan l-ammont m'hemmx kontestazzjoni li l-konvenuti ghandhom ihallsu s-somma ta' hames elef lira Maltija (Lm5,000) cjoe' s-sehem li jirrifletti n-nofs indiviz li l-istess konvenuti ghandhom fil-proprjeta'. Permezz ta' ittra ufficjali datata 9 ta' Mejju 2005 (fol. 60) il-konvenuta ddikjarat: *"Il-bilanc ta' Lm10,000 u li kien jispetta nofsu lil mittenti u lil zewgha u nofsu lilkom sa fejn taf l-esponenti ghadu ma thallasx, u jekk dan hallastuh intom, intom mitluba tfornu prova ta' dan. Fi kwalunkwe kaz il-mittenti kieent u ghadha disposta illi thallas sehema cioe wiehed minn erba' minn din is-somma ta' Lm10,000 purche jaghmel l-istess Dr. Bryen Gatt jew altrimenti dan jaghti kwittanza u jassumi l-bilanc ta' Lm2,500 hu."*. Fil-kontroezami qalet: *"Mis-somma li qeghda tintalab, hdax-il elf lira Maltin (Lm11,000) mill-atturi, jiena nikkonferma illi s-somma ta' hamest elef lira Maltin (Lm5,000), iva hi dovuta lill-atturi."* (fol. 94) u li minn dejjem kienet disposta li thallas sehemha minn dan id-dejn.

(f) L-atturi jsostnu li s-somma ta' sitt elef lira Maltija (Lm6,000) kien ukoll self li nghata lill-konvenuti in

konnessjoni max-xiri tal-fond fuq imsemmi. In sostenn tat-pretenzjoni taghhom ipprezentaw skrittura privata datata 25 ta’ Settembru 2003 (fol. 62) li taqra: *“Jien John Gatt qiet insellef is-somma ta’ (Lm6,000) sitt elef lira Maltin lil Bryen Gatt u martu Romina Debrincat Gatt ta parti min hlas fuq propjeta numru 158, fi trieq San Pawl, San Pawl il-Bahar Malta, u din is-somma anda tithallas lura fi zmien (3) tlett snin mill-lum, bla interessi. Iffirmati hawn taht.”*. L-atturi jsostnu li l-firem li saru fuq din l-iskrittura huma tal-kontendenti filwaqt li l-konvenuta qeghda tikkontesta li l-firma hi taghha. Fil-verbal tas-seduta tat-12 ta’ April 2007 jinghad:- *“Il-konvenuta rat id-dokument MX1 u qeghda tiddikjara li l-firma hija falza u qatt ma ffirmat dak id-dokument. Iddikjarat ukoll illi llum huwa l-ewwel darba li qeghdha tara dan id-dokument.”*. Hekk ukoll xehedet: *“Il-karta esebita f’dawn il-proceduri nghid li qatt ma rajta qabel hlief f’dawn il-proceduri. Fil-fatt jiena nsostni li l-firma tieghi fuq dik l-iskrittura hija wahda falsifikata u ghalkemm tixbah lil firma tieghi zgur illi ma hijiex il-firma tieghi u wisq anqas ghamila jiena.”* (fol. 71).

2. Permezz ta’ l-ewwel eccezzjoni l-konvenuta qeghda tecepixxi n-nullita’ tar-rikors guramentat ghaliex *“…. r-rikors ma huwiex guramentat kif titlob il-ligi, u giet mahlufa dikjarazzjoni meta d-dikjarazzjoni giet abolita mil-ligi.”* (fol. 25). Eccezzjoni li hi minghajr bazi meta wiehed iqies li:-

(a) L-atturi pprezentaw att gudizzjarju wiehed.
(b) Fid-dikjarazzjoni maghmula mir-Registratur tal-Qorti (fol. 6) jinghad: *“Ipprezentata minn john Gatt (I.D. No: 26857G) b’sitt dokti. Markati minn JG1 sa JG6, annessi, **u li kkonferma bil-gurament tieghu l-kontenut tar-rikors**”* (fol. 6).
(c) Ghalkemm il-ligi ma titlobx li ssir dikjarazzjoni guramentata, il-fatt li din saret ma tistax tissarraf f’xi nullita’.

3. Fil-mertu l-Qorti ghandha zewg verzjonijiet konfliggenti. Ghal dik li hi opposizzjoni tal-konvenuta

ghall-pretenzjoni tal-atturi, huma certament rilevanti dawn il-fatti:-

(a) L-ewwel darba li saret riferenza ghall-iskrittura fejn jinghad li l-atturi qeghdin jaghtu self lill-konvenuti fl-ammont ta' sitt elef lira Maltija (Lm6,000) (fol. 62) kien fis-seduta tat-12 ta' April 2007 waqt li kien qieghed isir kontroezami tal-attur.

(b) Fl-affidavit l-attur xehed: *"Dan l-ammont ta' sitt elef liri Maltin (Lm6,000) jien kont ghaddejtu fi flus kontanti lil Bryen Gatt u martu u minn naha taghhom dawn kienu ghamluhom f'kont f'isem Bryen Gatt il-Bank u dak in-nhar tal-kuntratt kienu hallsu permezz ta' cekk mahrug mill-istess kont."* (fol. 12). Fl-affidavit tal-attrici (fol. 55) inghatat verzjoni identika. Pero' in kontroezami l-attur xehed: *"Flus tajthom lit-tifel cash. Kienu maghluqin f'envelope kulur kannella, prezenti konna jiena, il-mara, it-tifel u Romina Debrincat Gatt. Dawn tajthomlu dak il-hin li kien qieghed jigi ppubblikat il-kuntratt tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta (2003) min-Nutar Paul George Pisani. Prezenti, kif diga' ghidt, kien hemm ukoll il-vendituri. Jiena dan l-envelope tajtu lil ibni quddiem dawn in-nies kollha"* (fol. 50). Bl-istess mod in kontroezami l-attrici qalet: *"ir-ragel tieghi rajtu jikteb l-iskrittura dak il-hin illi ahna konna qeghdin naghmlu l-kuntratt tal-post ta' San Pawl. Ir-ragel tieghi rajtu wkoll jghaddi envelope kannella li fih kien hemm il-flus, lit-tifel tieghi."* (fol. 53).

(c) Fl-istadju qabel saret il-kawza, il-pretenzjonijiet li kienu qeghdin jaghmlu l-atturi kienu jvarjaw. Hekk per ezempju:-

- Ittra ufficjali datata **13 ta' Lulju 2004** (fol. 76) – Il-konvenuta giet interpellata thallas is-sehem taghha ta' hdax-il elf mitejn u hamsin liraMatija (Lm11,250) ghall-akkwist tal-bini bin-numru 157 u 158, Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar.
- Ittra legali datata **27 ta' Lulju 2004** (fol. 77) – Saret biss riferenza ghall-bilanc tal-prezz li thallas mill-atturi u l-fatt li gew surrogati fid-drittijiet tal-vendituri. Il-konvenut gew interpellati sabiex *"….minghajr aktar dewmien tirrifondulhom l-ammont illi huma hallsu fl-*

*interess taghkom bl-interessi relattivi b'effett mill-bierah sad-data tar-rifuzjoni effettiva."*. F'din l-ittra ma saret l-ebda riferenza ghas-somma ta' sitt elef lira Maltija (Lm6,000).

- Ittra ufficjali datat **3 ta' Mejju 2005** (fol. 78) – Il-konvenut gew interpellati jhallsu lill-atturi s-somma ta' ghoxrin elf lira Maltija (Lm20,000) *"….illi l-konjugi Gatt hargu fl-interess taghkom sabiex l-ewwelnett inxtara il-fond, u fit-tieni lok inqata d-dejn fuq il-fond fi Triq San Pawl il-Bahar, San Pawl il-Bahar, Malta favur Josephine Belli, flimkien mal-interessi bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%)….."*.

(d) L-attur xehed li r-raguni ghalfejn inghata s-self ta' sitt elef lira Maltija (Lm6,000) kien *"… li dak iz-zmien ibni kien ghadu kif izzewweg u ma kellux flus sabiex jkun jista' johrog sehemu minn din il-proprjeta'."* (fol. 12). Min-naha l-ohra l-konvenuta ssostni li fiz-zmien li sar ix-xiri kellhom bizzejjed flus sabiex ihallsu sehemhom mill-prezz tal-proprjeta' li kienu qeghdin jixtru bi shab mal-atturi, u li ma kellhomx bzonn jitolbu self minghandom. Mill-provi rrizulta li l-konvenut kellu kont (term deposit) ma' Lombard Bank Malta plc li fih kien hemm is-somma ta' Lm7,118.02[1] u fid-9 ta' Settembru 2003 dan l-ammont gie trasferit ghall-kont iehor (tat-tip Savings[2]) fl-istess bank. Imbaghad fit-22 ta' Settembru 2003 inhareg *Bill Payable* ghall-imsemmi ammont (fol. 96). Ammont li jidher li gie depozitat f'kont bankarju tal-Bank of Valletta plc numru 12411856019 (Savings f'isem il-konvenut) fejn hemm entry fl-24 ta' Settembru 2003 li tghid ***"Deposit Value Date – 26/9/2003…….Lm7,118.02"***. Dan taht il-kolonna tal-**Credit**. Sal-24 ta' Settembru 2003 f'dan il-kont kien hemm depozitata s-somma ta' **erbatax-il elf sebgha mija u tmienja u sebghin lira Maltija u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm14,778.22)**. Kien minn dan il-kont li fis-26 ta' Settembru 2003 sar transfer (ATM Transfer) ghall-kont numru 12411856077 (Current Account f'isem il-konvenut) fl-ammont ta' sebat elef lira Maltija (Lm7,000). F'dik l-istess gurnata sar *withdrawal* iehor mill-kont 12411856019

[1] Numru 1520640807.
[2] Numru 1440640808.

fl-ammont ta' sitt elef lira Maltija (Lm6,000) filwaqt li sar depozitu ta' ammont identiku fil-kont numru 12411856077 sabiex b'hekk fis-26 ta' Settembru 2003 f'dan il-kont kien hemm is-somma ta' tlettax-il elf sitt mija u hamsin lira Maltija u sittax-il centezmu (Lm13,650.16). Fil-granet ta' wara (30 ta' Settembru 2003 u l-1 ta' Ottubru 2003, igifieri granet wara l-pubblikazzjoni taz-zewg kuntratti ta' akkwist) gew imsarrfin zewg cekkijiet fl-ammont ta' erbat elef u hames mitt lira Maltija (Lm4,500). Pero' ma tressqet l-ebda prova jekk dawn il-pagamenti sarux lill-vendituri tal-proprjeta' li fiha l-konvenuti xtraw sehem fiha flimkien mal-atturi.

M'hemmx dubju li dawn huma argumenti sodi favur it-tezi tal-konvenuta li l-atturi ma sellfux is-somma ta' sitt elef lira Maltija (Lm6,000) lill-konvenuti.

4. Min-naha l-ohra pero' hemm l-iskrittura datata 25 ta' Settembru 2003 (fol. 62) fejn jinghad li l-atturi kienu qeghdin isellfu lill-konvenuti s-somma ta' sitt elef lira Maltija (Lm6,000) ghall-akkwist tal-fond numru 158, Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar. Skond l-Artikolu 634 tal-Kap. 12: *"il-persuna li kontra taghha tingieb karta li milli jidher tkun iffirmatha minnha nfisha, hija obbligata li tiddikjara b'mod pozittiv jekk il-kitba jew il-firma hijiex taghha jew le."*. F'dan il-kaz il-konvenuta affermat li l-firma Romina Debrincat Gatt fuq l-iskrittura li l-attur ressqu bhala prova biex jissostanzjaw l-pretensoni taghhom kontra l-konvenuti, ma hijiex taghha u li giet falsifikata. M'hemm xejn hazin li jsir paragun bejn firem f'dokument kontestat ma' firem ohra f'dokumenti ohra li tressqu bhala prova fil-kors tal-proceduri, u li gew ammessi u provati li huma ffirmati mill-persuna li qeghda tikkontesta l-genwinita' tad-dokument in kwistjoni. Il-qorti tapprezza li f'dan ir-rigward wiehed jista' jkun xettiku ghaliex per ezempju tista' tqum il-kwistjoni jekk id-dokumenti maghzula ghal dan l-ezercizzju humiex genwini, jew li d-dokumenti jistghu jintghazlu b'mod mhux gust ghal min qieghed jikkontesta l-firma. Madankollu l-Artikolu 635 tal-Kap. 12 jipprovdi li meta jkun mehtieg li jigi verifikat min ikun iffirma dokument, il-prova tista' ssir;

*"omissis*

*(d) bit-taqbil ta' kitba ma' ohra, jew b'cirkostanzi ohra jew kongetturi;*
*(e) b'periti tal-kitba, meta tkun kitba difficli biex tigi ivverifikata."*.

Provvediment li ilu jifforma parti mil-ligi lokali zgur sa minn meta l-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) sar ligi bl-Ordinanza IV ta' l-1854. Dan hu konferma ta' storja twila li hu accettat li xhieda ta' espert tal-kitba hi ta' min jorbot fuqha. Inoltre, fil-ligi jidher li m'hemm xejn li dan l-ezercizzju bhala prova ta' fatt ma jistax wahdu jkun bizzejjed biex jigi stabbilit jekk il-firma fuq id-dokument hijiex tal-persuna li qeghda tikkontestaha. Dan fis-sens li l-qorti m'hijiex tal-fehma li dan l-ezercizzju wahdu m'ghandux forza probativa u li l-qorti jrid ikollha provi ohra biex tkun tista' tasal ghal konkluzjoni li l-firma hi dik tal-persuna li qeghda tikkontesta l-genwinita' tad-dokument. Fil-kawza **Il-Pulizija vs John Fenech** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali[3] fit-28 ta' Ottubru 1944 gie osservat: *"Mhux kontestat illi, bhala prova indizjarja u sussidjarja, il-perizja kalligrafika ghandha l-valur taghha, u tista' tikkonforta l-gudikant fl-apprezzament tal-provi, jew ta' principju ta provi ohra. Meta tkun "wehedha", ghad li ma jistax jinghad assolutament li ghandha tkun skartata sic et simpliciter, ghaliex wehedha, ma ghandux pero jintesa illi "evidence of this kind, being based on opinion and theory, needs to be carefully weighed….."."*. F'sentenza li kienet inghata mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Lawrence Cachia Zammit et vs Carmelo Chetcuti** deciza fit-8 ta' Novembru 1957 (Vol. XLI.ii.1148) ghamlet riferenza ghall-utilita' ta' perizja kalligrafika f'kaz ta' konflitt ta' provi orali u ccitat lill-gurist Ricci: *"se I ragonamenti della perizia convincono la Corte, questa deve dare la preferenza alla perizia (Procedura Civile, Vol. II. 237)"*. Fil-fehma tal-qorti l-adegwatezza u l-piz li ghandha tinghata prova simili ghandha tigi deciza mill-istess qorti li fuqha tistrieh ir-responsabbilta' li taghmel decizjoni finali.

[3] Imhallef W. Harding (Vol. XXXII.iv.171).

Il-prova li l-konvenuta ffirmat l-iskrittura a fol. 62 tispetta lill-atturi u dan sabiex jinnewtralizzaw ic-cahda min-naha tal-konvenuta li l-firma hi taghha (ara f'dan is-sens il-kummenti li saru mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Francis Vella vs Carmel Caruana** deciza fil-5 ta' Gunju 1959[4]).

L-espert inkarigat mill-qorti rrelata:- *"Nikkonkludi kwindi, li m'hemm xejn li lili jgieghelni nissuspetta li din mhix firma normali ta' Romina Debtrincat Gatt u nsostni li apparti mill-avariji, li kif spjegajt huma normali, il-firma tidher li taqbel mal-ghafsa[5], tifsila, inklinazzjoni, qsim fil-kelma (stoppages), pozizzjoni tat-tikek……Meta wiehed jikkonsidra s-similaritajiet kollha li ghadni kif semmejt, wiehed jasal fil-konkluzjoni li wasalt jien, li l-firma hija genwina, anki jekk jista' jkun li Romina Debrincat Gatt iffirmatha minghajr ma qrat il-kontenut tad-dokument, fi zmien li forsi il-kwistjonijiet ta' bejnha u zewgha ma kinux ezistenti, u allura setghet iffirmat bl-amment in bona fide. **Izda jibqa' l-fatt, dejjem skond l-opinjoni tieghi, li l-firma li tinqara bhala Romina Debrincat Gatt fuq id-Dokument MX1 hija genwina u m'hemm l-ebda aspett jew tracca ta' falsifikazzjoni rigward din il-firma**"* (enfazi tal-qorti - fol. 111). Fil-kors tal-eskussjoni li saret fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2007 kompla jispjega: *"Jiena bqajt infittex biex nara jekk fil-firma li hemm a fol. tnejn u sittin (62) hemmx xi haga li l-konvenuta m'ghamlitx fil-firem li ghamlet quddiemi u din ma stajt insibha imkien. Bl-eccezzjoni illi fl-ispecimens illi rajt jiena, Romina Derincat wara l-firma taghha dejjem taghmel fullstop, mentri fil-firma li hemm a fol. tnejn u sittin (62) fid-dokument MX1, m'hemm l-ebda fullstop."* (fol. 130). Kompla jghid:-*"Xjentifikament jiena fil-firma li hemm a fol. tnejn u sittin (62) tal-process, ma nista' nsib xejn li nista' lili twassalni ghall-konkluzjoni li l-firma hi falza…… Jekk wiehed jinsa l-aspett tal-fullstop meta jqabbel il-firem li*

---

[4] Citata f'sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) [Imhallef P. Sciberras] fil-kawza **Maltacom plc vs Ibrahim Salifu** deciza fis-6 ta' Frar 2008.

[5] M'huwiex minnu li dak li qalet il-konvenuta (ara nota ta' sottomissjonijiet) li kien biss in eskussjoni li l-espert mahtur mill-Qorti ghamel riferenza biss ghall-pressjoni uzata biex saret il-firma.

*ghamlet Romina Debrincat kif ukoll id-dokumenti li gejt muri bil-firem ta' Romina Debrincat, jiena nasal ghall-konkluzjoni li l-firma li tidher fid-dokument a fol. tnejn u sittin (62) hi kwazi identika ghal dawk li ffirmat quddiemi Romina Debrincat u ghad-dokumenti li gejt muri."* (fol. 131). Ghalhekk jidher li d-dubju li esprima l-espert kalligrafu, jekk tista' tghidlu hekk, hu dwar il-punteggjatura li ghamlet il-konvenuta fl-ahhar ta' kull firma li ghamlet fuq id-dokument a fol. 114 waqt is-seduta tad-9 ta' Lulju 2007 (dokument li fuqu saru firem ezemplari mill-konvenuta). Punteggjatura li m'hemmx fid-dokument a fol. 62. Waqt dik is-seduta l-konvenuta pprezentat tlett dokumenti[6] bil-firem taghha. Fl-ebda wiehed minn dawn id-dokumenti ma saret punteggjatura wara l-firma tal-konvenuta. Hekk ukoll m'hemm l-ebda punteggjatura wara l-firma tal-konvenuta:-

(i) Fl-affidavit li pprezentat f'din il-kawza (fol. 70-72);
(ii) Fid-dokument bil-firem ezemplari taghha (Dok. RD1) fl-ezercizzju li sar mill-perit *ex parte* nkarigat mill-istess konvenuta.

Ghalkemm ikun mistenni li l-espert kalligrafu ma jesprimix ruhu b'sens ta' certezza dwar jekk il-firma hijiex falza jew genwina, minn qari tal-istess rapport hu evidenti li fil-fehma tieghu l-firma hi tal-konvenuta. Tant hu hekk li wasal biex ighid li l-firma tidher hi **identika** ghal firem li ghamlet il-konvenuta. Fir-relazzjoni l-perit tekniku identifika dawk l-ittri li wassluh biex jasal ghal konkluzjoni simili, u cjoe' l-ittri "R" (fl-isem Romina), "D" (fil-kunjom Debrincat), "B" (fil-kunjom Debrincat), "t" (fil-kunjom Debrincat), "tt" (fil-kunjom Gatt), "tikek fuq l-'i'".

Fil-kawza **Joseph Lia vs Carmel Buttigieg** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[7] fid-29 ta' Jannar 2004 fejn inqalghet kwistjoni dwar jekk il-firma fuq kambjala kenitx tal-konvenut, il-Qorti osservat: *"Illi bil-ligi u b'harsien tal-massima dictum expertorum numquam transit in rem judicatam, il-Qorti mhix marbuta li taccetta l-*

[6] RDGI- RDGIII (fol. 116-118).
[7] Imhallef Joseph R. Micallef.

*konklużjonijiet tar-rapport tal-perit maħtur minnha kontra l-konvineiment tagħha nfisha. Fehmiet bħal dawk m'għandhomx, l-aktar fejn parti ma tkunx irrikorriet għall-ħatra ta' periti addizzjonali, tigi mwarrba kif gieb u laħaq, sakemm ma jkunx jidher soddisfacentement li tali fehmiet huma, fil-kumpless kollu tac-cirkostanzi, irragonevoli. F'dan il-każ, iżda, l-fehma tal-espert mahtur mill-Qorti hija fehma dwar suggett tekniku għall-aħħar u li jitlob għarfien tajjeb empiriku tal-elementi li jsawru l-karatteristici ta' kif wieħed jagħraf il-kitba ta' ħaddieħor. B'żieda ma' dan, l-elementi li ntużaw biex l-espert wasal għall-fehma tiegħu kienu kollha misluta minn firem li l-imħarrek għamel minn rajh matul medda ta' żmien u li bl-ebda mod ma ntwera li ttieħdu b'qerq jew bi ħsara tiegħu."*.

Fil-31 ta' Dicembru 2007 il-konvenuta pprezentat rapport *ex parte* maghmul mill-prokuratrici legali Juliana Scerri Ferrante fejn giet espressa l-fehma li *"meta l-esperta hadet in konsiderazzjoni il-komparazzjoni tal-karatteristici kollha hawn imsemmija hija ikkonkludiet illi hemm probabilita qawwija illi il-firma in kwistjoni giet ikkupjata u li saret minn awtur differenti u cioe li ma hiex il-firma awtentika ta' Romina Debrincat."* (fol. 45). Pero' mill-istess rapport jirrizulta li l-ezami komparattiv li ghamlet l-espert *ex parte* kien limitat fuq il-kampjuni tal-firem li ghamlet il-konvenuta (Dok. RD1), il-karta ta' l-identita (Dok. RD2) u d-dokument MX1 li dwaru l-konvenuta qeghda tikkontendi li l-firma taghha hi falza. Min-naha l-ohra l-espert kalligrafu Joseph Gaffiero kellu dokumenti ohra li gew prezentati mill-konvenuta u wkoll mill-atturi (fol. 119-121). Mid-dokumenti prezentati mill-atturi hu evidenti li l-perit kalligrafu nkarigat mill-Qorti kellu quddiemu l-firem li l-konvenuta ghamlet fuq iz-zewg kuntratti ta' bejgh li gew pubblikati fil-25 ta' Settembru 2003 min-nutar Dr. Paul George Pisani. Il-firem li jidhru fuq id-dokument a fol. 119 huma dawk tal-kuntratt ta' xiri tal-fond 158, Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar (fol. 7) filwaqt li l-firem li jidhru fuq id-dokument a fol. 129 huma dawk tal-kuntratt ta' xiri tal-fond 157, Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar (fol. 73). F'dan ir-

rigward issir riferenza ghad-dokument JVC1[8] li hemm fil-parti ta' wara tal-process (imwahhal mal-qoxra tal-process). Fil-verbal tas-seduta li saret fid-9 ta' Lulju 2007 quddiem il-perit inkarigat mill-qorti, inghad: *"Gejt wkoll ipprezentat b'Dokument minn Dr. Vella Cuschieri li jiena immarkajt bhala JVC1 li Romina Debrincat Gatt ikkonfermat li gharfet fuqu il-firem taghha."* (fol. 113). Anki mad-daqqa ta' ghajn, ghalkemm il-Qorti m'hijiex xi espert tal-kalligrafija, il-firma Romina Debrincat Gatt fid-dokument MX1 a fol. 62 tixbah ferm il-firma li saret fuq dawn iz-zewg kuntratt, b'mod partikolari l-kuntratt li jirrelata ghall-fond 158, Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar. Fatt li l-Qorti kompliet tikkonferma iktar u iktar bdiet tqabbel iz-zewg firem li jdirhu f'dawn iz-zewg dokumenti.

Il-Qorti hi wkoll tal-fehma li ghandha taghmel certu konsiderazzjonijiet fir-rigward ta' dak li rrelatat il-perit kalligrafu *ex parte*:-

(a) Dwar l-ittra 'R' fl-isem Romina, kkummentat li *"…gie nnutat illi Romina Debrincat tikkostruwixxi din l-ittra b'asta pjuttost dritta u bi tratt finali dixxendenti u mhux imgebbda ghall-ittra segwenti"*. Pero' fid-dokumenti li ffirmat il-konvenuta stess li jinsabu a fol. 116, 117, 120 u 121 l-ittra 'R' hi mgebbda ghall-ittra ta' wara. F'dawn id-dokumenti l-ittra 'R' ma fihiex *"…tratt finali dixxendenti"*.

(b) *"Gie nnutat ukoll illi hija ma tiggongix l-ittri 'r' mal-ittra 'o'"* – osservazzjoni kontradetta mill-firem tal-konvenuta fuq id-dokumenti a fol. 114, 116, 117, 118 u 120;

(c) *"Gie innutat l-ispazju li hemm bejn l-ittri 'Rom' u 'ina' fil-firma taghha filwaqt illi fil-firma in kwistjoni ma hemm kwazi l-ebda spazju"* – fil-firma li tidher fid-dokument in kwistjoni (fol. 62) hemm ukoll spazju.

(d) *"L-ahhar ittri tal-kelma 'Romina' bilkemm jinqraw izda fil-firma in kwistjoni huma aktar cari"* – l-ahhar ittri huma wkoll iktar cari fil-firem li hemm fid-dokumenti a fol. 116, 117, 118, 119 u 121.

---

[8] Fuq l-istess dokument gie ccertifikat min-nutar li ppubblika l-atti li huma vera kopja (data 16/4/2007).

(e) *“Gie nnutat il-kostruzzjoni totalment differenti tal-Ittra ‘D’ fejn hija tikkostruwixxi l-asta l-isfel u tkompli b’dawra ghar rovexx li tghaddi minn fuq il-lasta b’dawra. Id-dawra taghha ma tmissx l-asta anzi hija ‘l boghod minnha (ara Dok. RD4 numru 4)”* – Fatt li ma jirrizultax pero’ mid-dokumenti a fol. 117, 118, 119 u 120 li huma ffirmati mill-konvenuta. L-istess fir-rigward tar-raba’ firma li hemm fuq id-dokument li fih il-firem ezemplari tal-konvenuta u li fuqu l-espert *ex parte* ghamlet l-ezami komparattiv (Dok. RD1).

(f) *“Gie innutat anki it-tratt finali ta’ ittra ‘B’ fejn Debrincat tispiccah b’tratt dixxendenti filwaqt illi l-awtur tal-firma in kwistjoni jispiccah ‘l gewwa u axxendenti”.* Il-karatteristika fl-ittra ‘B” tal-kunjom Debrincat li tispicca ‘l gewwa hi wkoll evidenti fid-dokumenti a fol. 117, 118, 119, 120 u 121.

(g) *“Giet innutata il-kostruzzjoni tal-ittri ‘c’ u ‘t’ fejn Debrincat ghandha dawra ghar-rovesc.”* – pero’ din m’hijiex evidenti fid-dokumenti li pprezentat il-konvenuta stess fejn tidher il-firma taghha (ara fol. 116, fol. 118). L-istess huma dokumenti ohra prezentati mill-atturi fejn ukoll tidher il-firma tal-konvenuta (ara fol. 119 u fol. 120) fejn il-karatteristika li ssemmiet mill-espert *ex parte* ma tidhirx.

(h) *“Il-kostruzzjoni tal-ittra ‘G’ ukoll tinstab miktuba differenti. L-awtur tad-dokument in kwistjoni kitibha billi kostruwixxa ochiello ghar-rovexx u ghalaq l-ittra minn naha ta’ isfel qabel b’linja dritt igongi mal-ittra ‘a’ segwenti li tigi ifformata minn rasha. Debrincat ma tifformax din l-ittra b’dan il-mod u l-ittra tithalla miftuha u separata minn mal-ittra ‘a’……”*. Id-dokument iffirmat mill-konvenuta a fol. 119 fih l-ittra ‘G’ miktuba *“…billi kostruwixxa ochiello ghar-rovexx”*. Inoltre hemm dokumenti ffirmati mill-konvenuta fejn l-ittri ‘G’ u ‘a’ (fil-kunjom Gatt) ma jithallewx separati minn xulxin (ara per ezempju dokumenti a fol. 116, 119, 120 u 121).

(i) L-espert *ex parte* stess ammettiet li l-firma fid-dokument a fol. 62 hi *“…simili hafna”* ghall-firma li tidher fuq id-dokumenti li fuqhom ghamlet l-ezami komparattiv. Madankollu, fil-fehma tal-Qorti fir-rapport hemm nuqqas in kwantu l-espert naqset milli tindika x’inhuma dawk il-karatteristici fil-firma li wassluha biex tghid li l-firem huma *“simili hafna”*. Min-naha l-ohra fir-

rapport tal-espert inkarigat mill-Qorti jidentifika x'inhuma dawn il-karatteristici (ara fol. 110 sa 111) u wasal biex ighid li *"….m'hemm xejn li lili jgieghelni nissuspetta li din mhix firma normali ta' Romina Debrincat Gatt u nsosti li apparti mill-avariji, li kif spjegajt huma normali, il-firma tidher li taqbel mal-ghafsa, tifsila, inklinazzjoni, qsim fil-kelma (stoppages), pozizzjoni tat-tikek."* (fol. 111).

Il-Qorti tistqarr li m'hijiex sodisfatta li l-kontenut tal-perizja *ex parte* li giet prezentata mill-konvenuta tista' sservi biex iddghajjef ir-rapport li ghamel l-espert tal-qorti.

5. Ghalkemm il-provi huma konfliggenti u l-qorti tistqarr li ma kien facli xejn biex tasal ghal decizjoni finali, hi tal-fehma li l-prova tar-rapport li ghamel l-espert tal-kitba nkarigat mill-qorti hi tali li twassalha sabiex verament temmen li l-firma li saret fuq l-iskrittura MX1 a fol. 62 hi tal-konvenuta Romina Debrincat Gatt. Il-qorti sahansitra hadet l-inizjattiva li tara **il-kuntratti originali** li gew iffirmati mill-konvenuta fil-25 ta' Settembru 2003 u li qeghdin ghand in-nutar Paul George Pisani u anke f'dan ir-rigward (wara li ghamlet paragun bejn il-firma tal-konvenuta fuq il-kuntratti u dik fuq id-dokument a fol. 62) hi tal-fehma li ma tara xejn x'tista' tiddubita minn dak li rrelata l-perit kalligrafiku. Il-qorti m'hijiex sodisfatta li l-konvenuta rnexxilha teghleb l-opinjoni teknika li esprima l-espert minkejja li pprezentat rapport ta' espert *ex parte*. Il-qorti hi moralment konvinta li d-dokument imsemmi gie ffirmat mill-konvenuta. X'setghu kienu c-cirkostanzi li wasslu biex il-konvenuta tiffirma dik l-iskrittura hi kwistjoni ohra li m'hijiex qeghda tig kontestata in kwantu l-konvenuta baqghet tinsisti li l-iskrittura Dok. MX1 a fol. 62 ma gietx iffirmata minnha. Gialadarba l-qorti hi sodisfatta li l-firma tal-konvenuta fuq dan id-dokument hi genwina, il-prova li jaghmel dan id-dokument jeghleb il-provi li ressqet biex tikkonvinci lill-Qorti li ma kienx hemm bzonn li jittiehed tali self ghaliex kellhom il-mezzi finanzjarji sabiex ihallsu sehemhom min-negozju li dahlu ghalih flimkien mal-atturi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta’ u tiddecidi l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u tastjeni milli tqis izjed l-ewwel talba u dan fid-dawl tad-digriet moghti fis-16 ta’ Gunju 2006 (fol. 24) li ta lill-konvenuta l-jedd li tressaq nota ta’ l-eccezzjonjiet, tilqa’ t-tieni talba tal-atturi fis-sens li tikkundanna lill-konvenuti jhallsuhom is-somma ta’ hamsa u ghoxrin elf sitt mija u tlieta u ghoxrin euro u ghaxar centezmi (€25,623.10) ekwivalenti ghal hdax-il elf lira Maltija (Lm11,000). L-imghax ghandu jiddekorri b’dan il-mod:
(a) Fuq is-somma ta’ sitt elef lira Maltija (Lm6,000) b’effett mill-25 ta’ Settembru 2006 (in kwantu fid-dokument a fol 62 jinghad li l-konvenuti nghataw 3 snin biex ihallsu mill-25/9/2003 u minghajr imghax) u l-kawza kienet diga’ giet prezentata (11 ta’ Mejju 2006).
(b) Fuq is-somma ta’ hamest elef lira Maltija (Lm5,000) b’effett mis-27 ta’ Lulju 2004 mehud in konsiderazzjoni li l-atturi gew surrogati fid-drittijiet tal-vendituri u dan in-negozju kien wiehed ta’ natural kummercjali, u ghalhekk japplika l-Artikolu 1141 tal-Kodici Civili.

Spejjez huma a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------